

III

(Atti preparatorji)

IL-BANK ĊENTRALI EWROPEW**OPINJONI TAL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW****tal-25 ta' Lulju 2019****dwar rakkomandazzjoni mill-Kunsill dwar il-ħatra tal-President tal-Bank Ċentrali Ewropew****(CON/2019/28)****(2019/C 258/02)****Introduzzjoni u bażi legali**

Fis-16 ta' Lulju 2019, il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) irċieva talba mingħand il-President tal-Kunsill Ewropew għal opinjoni dwar ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2019 dwar il-ħatra tal-President tal-Bank Ċentrali Ewropew ⁽¹⁾.

Il-kompetenza tal-Kunsill Governattiv tal-BĊE biex jagħti opinjoni hija bbażata fuq l-Artikolu 283(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

Osservazzjonijiet ġenerali

1. Ir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill, li ġiet ippreżentata lill-Kunsill Ewropew u li dwarha qegħdin jiġu kkonsultati l-Parlament Ewropew u l-Kunsill Governattiv tal-BĊE, tirrakkomanda li Christine LAGARDE tinħatar President tal-BĊE għal terminu ta' tmien snin b'effett mill-1 ta' Novembru 2019.
2. Il-Kunsill Governattiv tal-BĊE huwa tal-opinjoni illi l-kandidata proposta hija persuna ta' statura rikonoxxuta u b'esperjenza professjonali fi kwistjonijiet monetarji jew bankarji kif mitlub mill-Artikolu 283(2) tat-Trattat.
3. Il-Kunsill Governattiv tal-BĊE m'għandu l-ebda oġġezzjoni għar-rakkomandazzjoni tal-Kunsill biex Christine LAGARDE tinħatar bħala l-President tal-BĊE.

Magħmul fi Frankfurt am Main, il-25 ta' Lulju 2019.

Il-President tal-BĊE

Mario DRAGHI

⁽¹⁾ ĠU C 235, 12.7.2019, p. 1.